# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Martin Cachia**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Martin Cachia**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 235859M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli :

1. "nhar id-19 ta' Diċembru 2010 fuq il-monti tal-Belt Valletta ffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-rnohh jew prodott ta' industrija, jew xjentement gharnilt uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, ai termini ta' l-artikolu 298(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu ta' marka, sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-rnerkanzija, jew beght tali

merkanzija, ai termini ta' l-artikolu 298(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement qeghdt fic-cirkolazzjoni, beght jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew importajt ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u ċioe' numru ta' DVDs u CDs, ai termini ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Aktar talli sirt recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta".

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tas-6 t'Ottubru 2014, l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali tenut matul l-istess seduta l-imputat stqarr li

minbarra li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u ċioe li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliġġi fuqu wkoll il-piena ta' priġunerija skont il-Liġi, il-Qorti tatu żmien qasir sabiex jirtira l-ammissjoni tiegħu. Wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża. Għalhekk din id-darba il-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni tiegħu bħala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta.

L-Uffiċjal Prosekutur tenna li f'dan il-każ li kien jirrisali għall-2010, l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija kif ukoll kien irreġistra ammissjoni

fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Inoltre tenna li għalkemm fiż-żmien li saru r-reati verament kien hemm problema ta' piraterija, l-effett ta' dan ir-reat illum il-ġurnata ma għadux jinħass daqshekk peress li llum il-ġurnata grazzi għas-servizz aktar effiċjenti u diffuż tal-internet il-persuni li kienu jirrikorru għal DVD's pirate ma għadhomx aktar jagħmlu għalihom stante li illum jiddawnlowdjaw huma stess. Għalhekk dan ir-reat, skont l-Uffiċjal Prosekutur, tista' tgħid, miet mewta naturali. L-Uffiċjal Prosekutur stieden lil din il-Qorti tikkonsidra liberazzjoni kondizzjonata f'dan il-każ.

L-Avukat Difensur qabel ma dawn is-sottomissjonijiet u tenna li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti setgħet tikkonsidra li timponi l-piena ta' servizz fil-komunita' li f'dawn il-każijiet tħalli ħafna ġid.

Il-Qorti ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta iħejji rapport verbali dwar l-idonejta o meno tal-imputat għabiex jippresta servizz fil-komunita.

Illi l-Qorti semgħat lix-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li tenna li minħabba raġunijiet imsemmija fl-istess relazzjoni, l-imputat ma kienx kandidat idoneju għabiex jippresta servizz fil-komunita.

*Ikkunsidrat : -*

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti mhux possibbli li timponi perjodu ta' servizz fil-komunita stante li l-imputat mhux kandidat idoneju. Mill-banda l-oħra il-Qorti rat li l-imputat huwa, kif kien qal l-Imħallef Michael Mallia fis-sentenza tiegħu tat-3 t'Ottubru 2013 kontra l-istess imputat li f'dik il-kawża kien imputat ma diversi persuni oħra : -

> Din il-Qorti tinnota illi l-appellanti huma "habitual offenders" ghal dak li jirrigwardja reati kontra d-drittijiet ta' l-awtur fejn kellhom sensiela ta' kundanni fuq bejh ta' prodotti foloz. Minkejja dawn il-kundanni jidher li ma tawx kaz u xorta baqghu ghaddejjin bl-attivita llegali taghha. L-ewwel Qorti hadet inkonsiderazzjoni t-trapass taz-zmien u anke l-mod kif il-prosekuzzjoni mexxiet u kien ghalhekk illi dehrilha illi kellha tapplika piena ta' prigunerija effettiva fil-minimu taghha.

F'dan il-każ, din il-Qorti hija wkoll imħasba bit-trapass taż-żmien minn meta seħħ id-delitt għaddew kważi ħames snin. F'dan il-każ ma kienx hemm kontestazzjoni u kien hemm ammissjoni bikrija. Iżda dil-Qorti ma tqisx li dan il-każ jimmerita sempliċiment liberazzjoni kondizzjonata kif suġġerit mill-Uffiċjal Prosekutur. Huwa minnu li l-avvanzi fit-teknoloġija naqqsu l-kwantita u frekwenza ta' dawn ir-reati u l-allarm li kienu joħolqu fiż-żmien meta ġew kommessi mhux l-istess bħal dak suxxitat illum. Iżda liberazzjoni kondizzjonata mhix piena idoneja f'dan il-każ.

Huwa minnu dak mistqarr mill-Uffiċjal Prosekutur li f'dan il-każ, l-imputat ammetta mal-ewwel seduta u għalhekk għandu jingħata l-benefiċċju t'ammissjoni bikrija – a differenza ta' każijiet oħra li kien involut fihom u li kkontesta u wara instab ħati u mibgħut il-ħabs.

Inoltre jidher ukoll minn qari tal-fedina penali tiegħu, li hija waħda kopjuża, li dak li qal l-Imħallef Mallia dwar l-imputat huwa minnu u ċjoe li l-imputat huwa, ossija kien, *habitual offender* fil-qasam tar-reati dwar id-dritt tal-awtur. Huwa evidenti li s-sensiela ta' kundanni għal multi u priġunerija effettiva ma waslu imkien mal-imputat; jew kważi. Din il-Qorti innotat li mill-istess fedina penali jirriżulta li għad-differenza tas-snin qabel it-13 ta' Ġunju 2013 (fejn hemm ċar li l-imputat kellu karriera sħiħa fil-qasam tar-reati dwar id-drittijiet tal-awtur), minn dakinhar lil hawn il-fedina penali tiegħu ma baqgħetx turi aktar sejbien ta' ħtija għal kommissjoni ta' din it-tipoloġija ta' reati. Dan huwa wkoll sinjal pożittiv, li l-Qorti trid tinkoraġġa. Biss f'dan il-każ il-Qorti ma tistax timponi sentenza ta' priġunerija sospiża in kwantu l-imputat huwa reċidiv, u l-piena stabbilita mill-Liġi għar-reati de quo ma tipprospettax il-possibilita' tal-imposizzjoni tal-multa.

F'dan ix-xenarju ta' Liġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs George Farrugia*** datata 18 ta' Jannar 2001 fejn dik il-Qorti kienet innutat li anke fil-każ ta' persuna ta' eta` mhux żgħira u li forsi hija reċidiva, tista' titfaċċa fil-ħajja ta' dik il-persuna "*a window of opportunity*" li permezz tagħha ikun jista' jinkiser iċ-ċiklu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bħal dik il-Qorti, din il-Qorti lesta li minflok terġa tikkundanna lill-imputat għal piena oħra ta' priġunerija, bi ħsiebha li tqegħdu taħt ordni ta' *probation* fil-massimu tagħha, b'kondizzjonijiet li jkollu jħarishom u li jekk jiksirhom, naturalment ikollu mbagħad jaffaċċa l-konsegwenzi, li fil-każ tiegħu diffiċli ma jkunx ifisser ħabs effettiv.

***DECIDE***

Li filwaqt li ssib lil **Martin Cachia**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 298(1)(a)(c)(f), 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali peress li hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu

tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena.

Inoltre stante li ma ġiex pruvat kemm huwa l-valur tal-oġġetti din il-Qorti ma tistax tagħmel l-ordni kif mitlub ai termini tal-Artikoli 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre stante li ma jirriżultawx li saru ħatriet ta' esperti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha elevati mingħanda il-ħati skont kif murija a fol 66.

***Mogħtija illum is-7 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***